# IL-PROŻA TA' DUN KARM

Ftit u tajjeb! Hekk nismagħhom igħidu huwa l-isbaħ mod li timxi fid-dinja. U hekk hu. Aħjar il-ftit tajjeb milli l-ħafna ħażin. Minn hekk jiġri li ħafna kittieba għalkemm ikunu rtassu għal kitba żgħira, isimhom jitnaqqax fi qlubna u ma jitħassar qatt; minn naħa l-oħra, ħafna, li ħsiebhom f'kemm jiktbu u mhux f'kif jiktbu, kitbithom toħroġ dgħajfa u bla ħjiel ta' sbuħija jew kobor.

Xi ħadd qal li Dun Karm jingħad kbir bħala poeta, imma li bħala prożatur m'għandux post fil-Letteratura Maltija. Dan il-flien qal ukoll, li jekk taqra l-"Leġġenda tas-Sepolcri", inti tintebaħ li hi kollha poeżija. Imma għalkemm fir-ritmu tagħha Dun Karm ma setax, biex ingħid hekk, jeħles mill-lirika dejjem qawwija fil-poeżija tiegħu, dana ma jfisserx li l-"Leġġenda" hi poeżija u mhix próża.

Jerġa', fis-snin kollha li ilu Direttur ta' "Il-Malti", Dun Karm kiteb u għadu jikteb l-editorjal fi proża mill-isbaħ. Issa jitgħaxxaq ixebbah l-Ilsien Malti ma' dik il-mejda fejn il-ward hu ftit mitbiel u mhux fuq tiegħu bħal ta' ħaddieħor imma jifraħ bih għax hu tiegħu; issa jitħasseb jekk Ilsienna hux tassew fir-Rebbiegħa tiegħu; issa jgħid, kelma sħiħa, li hu tassew fir-Rebbiegħa, u tant u tant artikoli sbieħ oħra kollha b'għan wieħed, it-tirqim, il-għana u r-rebħa ta' Isienna li minn żmien twil ġie mkasbar minn ħutna l-Maltin. Issa jekk niġbru fi ktieb wieħed l-editorjali kollha ta' Dun Karm nibqgħu żguri li jkollna l-isbaħ mera ta' proża Maltija, proża li tħabbatha sewwa ma' ta' Zammit u ta' Saydon. Dawn l-editorjali jsawru ktieb wieħed mill-proża ta' Dun Karm, li wieħed m'għandux jistmell idaħħal fl-iskejjel bħala ktieb ta' "essays" li jitħaddtu fuq il-letteratura.

Ktieb ieħor ta' proża jissawwar jekk aħna niġbru flimkien l-ittri kollha li Dun Karm b'qalb kollha nar ta' mħabba għal ilsien art twelidu bagħat lil ħafna żgħażagħ u kbar ukoll li xtaqu jixxabbtu ma' l-għoljiet wieqfa t'Elikona jew jimirħu qalb l-egħlieqi ħodor tal-proża Maltija. Dun Karm bi ħsiebu dejjem biex igħin u jħeġġeġ il-qlub u l-imħuħ ta' ħafna kittieba ħutu għar-rebħa tal-Malti, kiteb ittri sbieħ, fejjieda u filosofiċi. Dnub jaħasra li dawn il-ġawhriet jinsabu kollha moħbija u magħrufin lil dawk biss lil min bagħathom.



Fil-għid t'egħluq is-70 sena tiegħu Dun Karm ma naħsibx li ma weġibx lil ħafna ħbieb tiegħu, li dawn b'ittri oħra tagħhom riedu jifirħulu u jixtequlu kull barka tas-Sema. Ngħid għalija li bgħatt nifraħlu wara sitt xhur sħaħ, weġibni l-għada stess li ktibtlu. X'filosofija jaħbi Dun Karm taħt il-kliem ħelu li joħroġ mill-pinna ħabrieka tiegħu! X'moħtar sabiħ lis-sebgħin sena ta' ħajja li għadda f'ħidma ta' mħabba għall-Malti :—

"Iva, sebgħin sena ta' ħajja huma għoti sabiħ tas-Sema, u wieħed irid jiżżiħajr 'l Alla talli silfu dan il-għomor; iżda, meta ġrajja bħal din iġġiblek il-ferħ u l-qima ta' ħafna ħbieb u l-kelma sinċiera ta' ħafna żgħażagħ li jħobbu dak li ħabbejt inti, tagħtik il-jedd li tifraħ, għaliex iġġegħlek tifhem li ħajtek ma kinetx għal kollox ħaffiefa u fiergħa" (D. Karm).

Niġbru l-ittri ta' Dun Karm mibgħuta lil 'dan u lil dak il-flien, u aħna jkollna fit-tieni ktieb ta' proża l-Epistolarju jew il-ktieb ta' l-ittri ta' Dun Karm. Biżżejjed nghidu li fil-Malti għadna lura sħiħ f'din is-sura ta' kitba.

Nieħdu fl-aħħarnett l-"Ines u Emilja", ir-rumanz maqlub mit-taljan ta' D. Caprile. Mhux dan jewwilla ktieb ta' proża Maltija? M'għandux x'jaqsam li mhux oriġinali għax f'dil-ħaġa ma nħarsux lejn il-fatt u n-nisġa tiegħu, dak li għamel D. Caprile bit-taljan, imma lejn il-qari Malti ta' dak ir-Rumanz. Wieħed li jaqra dan ir-rumanz bil-Malti biss, jara fih l-idjoma maltija taqbeż ħajja quddiemu, u jekk dan il-flien ma jkunx jaf li l-ktieb ġie maqlub minn ilsien ieħor, dlonk igħid: "Kemm jaf jikteb fi proża sabiħa min kitbu!"; u b'dan irrid infisser li għal dik li hi proża Maltija f'dan ir-rumanz hi kollha kemm hi ta' Dun Karm.

Jekk Dun Karm mhux prożatur daqs kemm hu poeta, huwa żgur madanakollu li jieħu post għoli fil-Proża Letterarja Maltija, għax għalkemm ftit, kitbitu hi ta' l-akbar fejda u ta' l-ogħna sebħ letterarju.

T. SCIBERRAS.